Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-23 t'Awwissu 2023**

**Kumpilazzjoni Numru 671/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roxanne Tabone)**

**Versus**

**Yassa Ashar Malak Mehawed Ghali**
**(Passaport Egizzjan bin-numru A25136823)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Yassa Ashar Malak Mehawed Ghali** ta' 20 sena, detentur tal-Passaport Egizzjan bin-numru A25136823;

Akkuzat talli nhar l-14 ta' Awwissu 2023 ghall-habta tal-17.30hrs gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti minn go envelope li kien f'pouch tal-plastic go baskett ahdar hdejn bank tal-gebel barra t-terminal fin-nofs bejn departure u arrivals fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta ghad-detriment ta' Raj Kumar Gurung u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur liema valur ma jeccedix is-somma ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u cioe il-valur ta' elf u mitt euro (€1100) u dan bi ksur tal-Artikoli 267 u 279 (a);

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-vittma Raj Kumar Gurung.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, jekk jidrilha xieraq joghgobha tordna hrug ta' ordni ta' trattament skond l-Art 412 D ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba wkoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-hati għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali datat 23 t'Awwissu 2023 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat fis-seduta tat-23 t'Awwissu 2023 irregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba kontrih.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessa.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Artikolu 7, 8, 31, 261, 267, u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **hati ta' l-akkuza migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal piena ta' sena (1) prigunerija li permezz tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligiijet ta' Malta qed tigi sospiza ghal tlett (3) snin mil-lum.**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**